**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, l-24 t'April 2024**

Każ Nru: 59/2016

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Malcolm Bondin)

**kontra**

**MELVIN MUSCAT**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 165286(M))

**IL-QORTI:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Melvin Muscat,** ta' 29 sena, iben Moses u Dolores nee' Cuschieri, imwieled il-Pieta' nhar l-4 t'April 1986, residenti ġewwa numru 26, Is-Salvatur, Triq l-20 ta' Jannar, Ħal-Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 165286(M) akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-12 ta' Jannar 2016 u fil-ġimgħat ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta tal-Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

u aktar talli fit-12 ta' Jannar 2016 u fis-sena ta' qabel:

2. kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenżja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenżja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmja fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN292/1939) kif sussegwentament emendati bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lill-akkużat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-Digriet tal-STO Onor. Prim Imħallef Mark Chetcuti datat it-28 ta' Lulju 2021[1] permezz ta' liema din il-kawża ġie assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta kif ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mis-smigħ mill-ġdid tal-provi li kienu ġa nstemgħu minn din il-Qorti diversament preseduta qabel id-Digriet tat-28 ta' Lulju 2021 hawn fuq imsemmi[2];

Semgħet u rat ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ inkluż id-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datat il-15 ta' Frar 2016, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[3];

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**IKKUNSIDRAT:**

[1] Fol. 127 tal-atti proċesswali.
[2] Ara l-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2021, fol. 131 tal-atti proċesswali.
[3] A fol. 5 tal-proċess.

Illi skond ix-xhieda tal-**ispettur Malcolm Bondin** jirriżulta li dan il-każ jirrisali lura għat-18 ta' Jannar tas-sena 2018 meta membri tal-iskwadra ta' kontra d-droga waqt li kienu qed jagħmlu xi spezzjonijiet ġewwa pjazza fis-Siġġiewi nnotaw żewġ vetturi jagħmlu kuntatt suspettuż bejniethom. Huma waqqfu lil dawn iż-żewġ vetturi. L-ewwel vettura kienet iġib in-numru ta' reġistrazzjoni RYN-811 li kienet misjuqa minn persuna identifikat bħala Ryan Ciappara. Saret tfittxija fuq il-persuna kif ukoll fil-vettura ta' Ciappara fejn instabu xi flus kontanti kif ukoll sustanza suspettata droga. It-tieni vettura kellha n-numru ta' reġistrazzjoni HBO-265 u kienet misjuqa mill-qua imputat Melvin Muscat. Minn tfittxija li saret fil-vettura misjuqa mill-qua imputat instabu 3 sachets suspettati li kien fihom sustanza suspettata cannabis grass; riżla papers u sachet li kien kontenenti sustanza suspettata herojina. Fuq il-persuna ta' Melvin Muscat kienu nstabu ukoll is-somma ta' Eur. 250 fi flus kontanti, żewġ mobile phones wieħed tal-marka Nokia u l-ieħor tal-marka Samsung. Kemm Cutajar kif ukoll Muscat ġew arrestati u meħuda ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għall-iktar investigazzjonijiet.

Fl-istqarrija tiegħu Muscat kien spjega lill-pulizija li huwa kien mar is-Siġġiewi sabiex jitkellem ma' Ryan Ciappara għax ried jixtri l-laħam mingħandu stante li Ciappara kellu ħanut tal-laħam fl-istess pjazza tas-Siġġiewi. Muscat ammetta mal-pulizija li s-sustanza misjuba kienet tiegħu u kienet intiża għalih. Spjega li huwa kien jikkonsma madwar ħames grammi cannabis fil-ġimgħa u li kien ipejjep bejn tnejn u tlett joints kuljum. Huwa kien ammetta ukoll li kien jikkonsma l-herojina madwar darbtejn fil-ġimgħa. Huwa jispjega li fil-ġimgħa kien jonfoq bejn Eur. 75 u Eur. 100 fuq droga. Huwa spjega ukoll li ħafna drabi d-droga kien iżommha fuqu sabiex ma ssibiex ommu. L-ispettur Bondin, meta mistoqsi mill-Qorti kif il-prosekuzzjoni qegħda tipprospetta l-pussess aggravat wieġeb li din l-imputazzjoni ingħatat fid-dawl tal-ammont tad-droga misjuba fil-pussess ta' Muscat kif ukoll minħabba l-fatt li dawn instabu fil-vettura tiegħu.

Xehed **PS243 Clayton Frendo** li min-naħa tiegħu spjega kif fit-12 ta' Jannar 2016 kien qed isegwu lil Melvin Muscat meta għall-ħabta tal-17.10hrs rawh jagħmel kuntatt ma Ryan Ciappara. Mistoqsi biex jagħti iżjed dettal ta' dan il-kuntatt huwa jispjega: "*Dan bin-Nissan ġie mat-Toyota Starlet ta' Ryan u għaddew xi ħaġa lil xulxin.*"[4] Madanakollu in kontro-eżami huwa jiċċara li Muscat kif ukoll it-tfajla tiegħu, li dak il-ħin kienet qed takkumpanjah, ħarġu mill-vettura tagħhom u marru mal-vettura misjuqa minn Ryan Ciappara. Jgħid li Muscat u tfajla tiegħu ġew imwaqqfa mill-pulizija qabel ma rritornaw lejn il-vettura tagħhom. Huwa jispjega li minn tfittxija li għamel fil-vettura misjuqa mill-qua imputat instabu tlett pakketti żgħar b'ħaxix aħdar suspettat *cannabis*

[4] Fol. 23 tal-proċess.

*grass*, crusher, u *sachet* wieħed b'sustanza ta' kulur kannella suspettata heroina. Dawn instabu fil-*glove compartment* bejn is-seats ta' quddiem. Jgħid li ma nstabux flus fuq il-persuna ta' Melvin Muscat u lanqas ma nstabet xi ħaġa illegali. Jgħid ukoll li għamel tfittxija fuq it-tfajla tal-imputat li ukoll ma nstab xejn fuqha. Jispjega li dak il-ħin il-*butcher store* ta' Ryan Ciappara kien magħluq. Fuq mistoqsija in kontro-eżami x-xhud ikkonferma li huwa kien għamel tfittxija fl-imsemmi ħanut ta' Ryan Ciappara, madanakollu ma kienu sabu xejn relatat mad-droga. Ippressat iktar fil-kontro-eżami, ix-xhud jgħid li huwa ra lill-qua imputat jgħaddi envelope lir-Ryan Ciappara mit-tieqa tal-vettura. Madanakollu mistoqsi x'kien il-kulur tal-envelope, x-xhud wieġeb li ma segħax jara x'kulur kien. Għalhekk huwa reġgħa ġie mistoqsi mill-Qorti jgħid preċiżament dak li ra hu biss huwa spjega:

*"Xhud: Li rajt jiena l-karozza ...*

*Xhud: Ġiet il-vettura l-oħra, rajt lil Melvin Muscat joħroġ minn ġol-karozza u jersaq viċin il-karozza ta' Ryan. Hemmhekk aħna ovvjament soqna bil-karozza u morna fuqhom. Infurmajnihom li arrestajnihom u lil dan infurmajtu li ser nagħmillu s-search, infurmajt lil Melvin li ser nagħmillu s-search."*[5]

Mistoqsi mid-difiża minn saq il-vettura tas-servizz, Frendo spjega li ma jiftakarx imma normalment isuqha hu.

Xehed ukoll **PC 518 Anthony DeGiovanni** li min-naħa tiegħu spjega li fit-18 ta' Jannar 2016, waqt li kienu qed jagħmlu osservazzjoni fil-pjazza tas-Siġġiewi, ġie osservat "kuntatt" bejn il-qua imputat li kien qed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBO-265. Spjega li wara saret tfittxija fil-vettura misjuqa mill-qua imputat fejn instabu tlett *sachets* kontenenti sustanza ħadranija suspettata Cannabis u *sachet* ieħor b'sustanza kannella suspettata herojina. Fil-pussess tal-imputat instab ukoll crusher u riżla papers. Jispjega ukoll li kien infurmat li saret tfittxija fir-residenza ta' Muscat madanakollu huwa ma kienx preżenti għaliha. In kontro-eżami, DeGiovanni jispjega li fuq il-persuna l-oħra li huma raw isir kuntatt miegħu minn Muscat, sabu xi affarijiet relatati mad-droga kemm fuq il-persuna tiegħu kif ukoll ġol-vettura misjuqa minnu. DeGiovanni jispjega bil-ġurament li t-tfittxija fuq il-persuna l-oħra għamilha hu stess fejn fuq il-persuna tiegħu u fil-karozza tiegħu sab blokka cannabis, mobiles u xi flus. Madanakollu huwa ma jiftakarx dawn eżatt kif instabu. Mistoqsi min kien fil-vettura meta twaqqfu mill-pulizija, DeGiovanni jgħid li ma jiftakarx.

---

[5] Fol. 42 tal-proċess.

Xehed **Dr. Martin Bajada** li ġie nominat sabiex jestratta l-informazzjoni minn fuq il-mobiles elevati mill-pussess tal-qua imputat Melvin Muscat. Huwa ppreżenta r-relazzjoni li ġiet immarkata bħala Dok. MB.

Xehed **ix-xjenzat Godwin Sammut** li ġie maħtur mill-Qorti sabiex janalizza s-sustanza elevata mill-vettura misjuqa mill-qua imputat – Melvin Muscat. Huwa ppreżenta r-rapport tiegħu fejn ikkonkluda s-segwenti:

> *"Illi fuq estratti meħuda mill-buds ta' lewn ħodor li hemm ġewwa d-dokument immarkat K/B/34/2019 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piż total tal-buds kien ta' 12.45 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 21%. Din is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piż totali tal-buds kien ta' 12.45 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 21%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8, tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Illi fuq estratt meħud minn fuq il-crusher li hemm ġewwa d-dokument immarkat K/B/34/2019 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC).*
>
> *Illi fuq estratt meħuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument immarkat K/B/34/2019 instabet is-sustanza eroina. Il-piż total tat-trab kien ta' 1.36 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 18%. L-eroina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."*[6]

In difesa, tħarrket **ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li tiġi esebieta fil-proċeduri odjerni it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' PS243 Clayton Frendo u PS518 Anthony DeGiovanni mgħotija fil-proċeduri l-Pulizija vs Ryan Ciappara**. Ir-reġistratur esebiet it-traskrizzjoni tas-Surġent Frendo li ġiet immarkata bħala Dok. CF[7] kif ukoll it-transkrizzjoni tal-Kuntistabbli DeGiovanni li ġiet immarkata bħala Dok. CF1[8].

Xehed **l-imputat Melvin Muscat,** li min-naħa tiegħu spjega li dakinhar tal-arrest tiegħu huwa kien miftiehem ma ċertu Ryan Ciappara, li għandu ħanut tal-laħam ġewwa l-pjazza tas-Siġġiewi, sabiex jixtri ħaruf mingħandu. Jgħid li mar għalih iżda hekk kif nieżel mill-vettura qabżu fuqu il-pulizija. Jgħid ukoll li dakinhar miegħu kellu lit-tfajla tiegħu u lit-tifla tiegħu l-kbira li dak iż-żmien kellha sena. Jgħid ukoll li malli nieżel mill-vettura kellu f'ħoġru lit-tifla. Jispjega li meta marru fuqhom il-pulizija, Ryan kien għadu fil-vettura tiegħu filwaqt li huwa kien

---

[6] Fol. 115 tal-atti proċesswali.
[7] Fol. 142 tal-proċess.
[8] Fol. 147 tal-proċess.

barra mill-vettura bit-tifla. B'referenza għas-sustanza misjuba fil-vettura huwa jgħid li kellu l-cannabis li kien jikkonsmaha huwa stess kif ukoll sachet herojina li ma kienx tiegħu iżda kien ta' ħabib tiegħu li nesieh fil-vettura tiegħu. Jgħid li huwa mhux vera ta xi oġġetti lil Ryan.

**IKKUNSIDRAT UKOLL:**

In linea preliminari, fid-dawl tal-każistika riċenti tal-Qrati kemm Kostituzzjonali kif ukoll Kriminali, ser tiddetermina l-piż li hija ser tagħti l-istqarrija rrillaxata mill-imputat nhar it-12 ta' Jannar tas-sena 2016 lill-ispettur Malcolm Bondin fil-prezenza ta' PC1013 Raymond Debono. Jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda allegazzjoni li din l-istqarrija ma ttieħditx b'mod volontarju. Illi mix-xhieda tal-ispettur Bondin u anke mill-istqarrija nnifisha jidher li l-qua imputat ġie mgħoti d-drittijiet spettanti lilu fil-liġi inkluż id-dritt tas-silenzju u d-dritt għall-assistenza legali, li skond il-liġi viġenti ta' dak iż-żmien (Jannar 2016), kien limitat għal siegħa qabel jibda l-interrogatorju. L-imputat jidher li rrifjuta dan id-dritt tant li ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens li ġiet ippreżentata fl-atti proċesswali bħala Dok. MB[9].

Jingħad ukoll li mill-atti proċesswali jirrizulta li Muscat fl-ebda ħin ma ġie mgħoti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija (li ma jistgħa qatt jiġi ekwiparat mad-dritt tal-assistenza legali limitat għal qabel il-bidu tal-istqarrija). Minn analizi tal-atti processwali ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet impellenti l-għaliex l-imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istqarrija tant li fil-fatt ġie offrut id-dritt limitat t'assistenza qabel l-istqarrija.

Madanakollu minn analizi tal-istess atti proċesswali li ġew ikkumpilati fuq perjodu ta' diversi snin, ma jirriżultax li l-imputat ilmenta dwar l-istqarrija rrillaxata minnu fid-dawl tal-fatt li huwa ma kienx assistiet minn avukat ta' fiduċja tiegħu. Dan minkejja li waqt il-proċeduri ġudizzjarji huwa kien legalment assistiet u kellu kull opportunita' li jagħmel dan. In oltre, waqt il-proċeduri odjerni huwa għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda fejn għalkemm ma għamilx referenza diretta għall-istqarrija kkonferma bil-ġurament ħafna mit-tweġibiet li huwa kien ta fl-istqarrija tiegħu lill-pulizija.

Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-imputat f'istanzi inkrimina lilu nnifsu b'referenza għall-imputazzjonijiet migjuba kontrieh tant li huwa ħa r-responsabilita' tas-sustanza misjuba fil-pussess tiegħu. Madanakollu jibqgħa l-fatt li din ma hijiex l-unika prova tal-prosekuzzjoni. Fil-fatt l-stqarrija tal-imputat

[9] Fol. 17 tal-atti proċesswali.

hija waħda mill-provi tal-prosekuzzjoni kontra l-imputat iżda mhux dik il-prova unika jew esklussiva tal-prosekuzzjoni.

Minkejja li l-imputat kellu disgħa u għoxrin sena meta allegatament seħħew ir-reati suġġett ta' dawn il-proċeduri u l-fatt li mill-fedina penali tiegħu jirrizulta li huwa kellu diversi kundannni oħra, ma jirrizultax li jeżistu xi kundizzjonijiet li minħabba fihom l-imputat ikun meqjus persuna vulnerabbli waqt it-teħid tal-istess stqarrija.

Stabbiliti dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti qieset l-istess fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fl-insenjament mgħoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018[10], u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija f'dan ir-rigward mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[11]. Il-ġurisprdenza riċenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħmilha ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza t'avukat ma jwassalx bilfors għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, partikolarment il-jedd għal smigħ xieraq, fil-proċeduri ġudizzjarji ta' natura kriminali li jistgħu jittieħdu kontra dik l-istess persuna.

B'hekk fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti f'dawn is-sentenzi, kif ukoll tenut kont li l-istqarrija tal-imputat ġiet meħuda skond il-liġi viġenti dak iż-żmien (għaldaqstant huma kkunsidrati bħala legalment validi) magħduda mal-fatt li l-qua imputat qatt ma ilmenta mill-istqarrija rrillaxxata minnu anzi għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda fejn bil-ġurament ikkonferma l-maġġor parti tar-rispost mgħotija fl-istqarrija, din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li hija għanda *ex officio* (mingħajr ebda talba mill-partijiet f'dan is-sens) tisfilza l-imsemmija stqarrija. Madanakollu fil-kunsiderazzjonijiet tagħha din il-Qorti ser tibbaża u tagħmel referenza iktar ampja għal provi l-oħra mressqa mill-prosekuzzjoni.

## IKKUNSIDRAT UKOLL:

In kwantu għall-mertu tal-proċeduri odjerni, din il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-imputazzjonijiet bl-ittri **(B) rigwardanti l-pussess sempliċi tal-pjanta tal-cannabis** u **(C) l-pussess sempliċi tas-sustanza herojina**.

[10] Li riċentament issir referenza għalihom fis-sentenza mgħotija mill-QEDB fl-ismijiet Lalik vs. Poland, 11 ta' Mejju 2023

[11] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022); Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022), Emmanuele Spagnol vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija (31 ta' Mejju 2023), Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et (31.5.23).

Illi mix-xhieda ta' PS243 Clayton Frendo u anke mx-xhieda ta' PS518 Anthony DeGiovanni jirriżulta li min tfittxija li saret fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBO-265 misjuqa mill-qua imputat instabu tlett sachets kontenenti sustanza ħadranija filwaqt li nstab sachet kontenenti suspettata droga herojina. Sussegwentament dawn is-sustanzi ġew esebiti fl-atti proċesswali odjerni u analizati minn espert maħtur minn din il-Qorti bil-għan li tiġi determinata s-sustanza. Ix-xjenzat Godwin Sammut, li kien ġie maħtur minn din il-Qorti għal dan l-iskop ikkonferma li s-sustanzi kienu pjanta tal-cannabis fl-ammont ta' *12.45 grammi* u s-sustanza herojina fil-piż ta' 1.36 grammi u b'purita' ta' 18%. Ma hemm l-ebda dubbju li dawn instabu fl-isfera tal-pussess tal-imputat. In oltre l-imputat fl-iter tal-proċeduri odjerni ħa r-responsabilita' tagħhom. Jistqarr li l-cannabis kienet tiegħu u li kienet intiża għall-użu esklussiv tiegħu filwaqt li in kwantu għall-eroina, għalkemm jieħu r-responsabilita tagħha, jispjega li din kienet ta' terza persuna li ħallieha warajh fil-karozza. Madanakollu hu jikkonferma li ż-żewġ sustanzi kienu fil-pussess tiegħu u huwa kien xjenti ta' dak il-pussess.

Stabbilit dan, isegwi allura, li din il-Qorti tiddetermina jekk il-pussess tal-pjanta cannabis kienx wieħed intiż unikament għall-użu personali tiegħu jew inkella kienx wieħed f'ċirkostanzi li jindikaw li ma kienx biss għall-użu personali tiegħu.

Jibda biex jingħad li l-ammont tad-droga cannabis misjuba fil-pussess tiegħu kien dak ta' 12.45g. Dan l-ammont kien fi tlett sachets u ma kienx imqassam f'pakketti ta' piż iżgħar li jistgħu jindikaw li kienu lesti għall-ispaċċ. In oltre irid jingħad li dawn kienu qed jinżammu flimkien ma crusher u riżla paper. Dawn huma oġġetti li huma normalment relatati mal-konsum u mhux mal-ispaċċ. Fl-istqarrija meta ġie mistoqsi ghaliex żamm l-ammont ta' 12 -il gramma fil-pussess tiegħu huwa wieġeb li dan jagħmlu sabiex ma jħalliex droga d-dar biex ma jinkwetax lill-ommu. Dan ġie kkonfermat minn tfittxija li saret mill-pulizija fir-residenza tiegħu li tat riżultat negattiv għal sustanzi illeċiti u anke għall-oġġetti relatati ma abbuż tad-droga fid-dar. Ġie elevat ukoll il-mobile tal-imputat. Dan ġie esebit fl-atti proċesswali u l-informazzjoni fuqu ġiet estratta minn espert maħtur għal dan l-iskop. Minn din l-estrazzjoni ma jidhirx li nstabet xi informazzjoni li tindika spaċċ.

L-unika prova oħra dwar ċirkostanza li kapaċi tindika li l-imsemmija droga kienet intiza għall-ispaċċ imressqa mill-prosekuzzjoni kienet ix-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija Frendo u DeGiovanni li qallu li osservaw lill-qua impuat jagħmel kuntatt ma' Ryan Ciappara. Jibda biex jingħad li l-fatt li uffiċjal tal-pulizija jitla jixhed li kien hemm 'kuntatt' bejn żewġ persuni ma jfisser assolutament xejn. Huwa essenzjali li dan il-kuntatt jiġi deskritt sa l-inqas dettal sabiex il-Qorti tkun tista tistrieħ fuq din il-prova. Mix-xhieda ta' Frendo u DeGiovanni jirriżulta ċar li

għalkemm jgħidu li raw kuntatt bejn il-qua imputat u Ciappara, dan il-kuntatt ma ġiex deskritt u minkejja li saru diversi domandi anke min-naħa tal-Qorti l-informazzjoni mgħotija kienet limitata ferm u f'istanzi anke ibbazzata fuq assunzjonijiet. Per eżempju Frendo jgħid li l-kuntatt sar billi ra lill-qua imputat jgħaddi xi ħaġa lil Ciappara. Mistoqsi diversi drabi x'kien dan l-oġġett huwa kien evażiv fit-tweġibiet tiegħu sakemm iddikjara li kien envelope kannella għax sabu envelope kannella fil-bieba ta' Ciappara. Mill-assjem tax-xhieda taż-żewġ uffiċjali tal-pulizija li qalu li raw kuntatt, ma jirriżultax pruvat sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat bir-raġuni li l-'kuntatt' li dwar jixhdu l-istess uffiċjali kien wieħed relatat ma transazzjoni tad-droga. Setgħa faċilment kien biss konversazzjoni dwar ħaruf hekk kif iddikjara il-qua imputat fix-xhieda tiegħu. Żgur ma jistgħax jingħad li l-qua imputat ġie osservat jgħaddi d-droga lil Ciappara. Fil-fatt tant hu hekk li anke l-prosekuzzjoni ma akkużatx lil Muscat bir-reat ta' traffikar.

Għaldaqstant fid-dawl taċ-ċirkostanzi hekk kif imressqa mill-prosekuzzjoni għalkemm din il-Qorti jirriżultalha pruvat li l-imputat kien fil-pussess tal-herojina u tal-cannabis. Ma jirriżultax pruvat li l-pussess tal-cannabis kienet wieħed f'ċirkostanzi li jindikaw li ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

B'hekk l-imputat ser jiġi illiberat mill-ewwel imputazzjoni u misjub ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni.

B'referenza għall-addebitu tar-reċidiva, irid neċessarjament jingħad li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' dan u b'hekk fuq nuqqas ta' provi l-qua imputat ser jiġi illiberat minn din l-imputazzjoni a tenur tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali ukoll.

In kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata din il-Qorti wara li ħadet kont tal-fatt li l-imputat qed jinsab biss ħati għall-akkużi ta' pussess sempliċi tad-droga cannabis u herojina kif ukoll ħadet kont tal-artikolu 4 u 4A tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta ser tikkundana lill-qua imputat għall-penali.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(d), it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta; l-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 4 u 4A tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-qua imputat, Melvin Muscat, mhux ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontrieh filwaqt li qed issibu ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontrieh. Konsegwentament, għal pussess tal-pjanta

cannabis din il-Qorti qed tinfliġġi penali ta' tmenin Ewro (Eur. 80) filwaqt li għall-pussess tal-herojina din il-Qorti qed tinfliġġi l- penali ta' ħamsa u sebgħin Ewro (Eur. 75).

**Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti ammontanti għas-somma ta' elf u tnejn u erbgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Eur. 1,042.84), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sena mil-lum.**

Finalment, tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Maġistrat Dr. Elaine Rizzo

Christine Farrugia

Deputat Reġistratur